**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 216**
**It-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14437. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 3311 li tpoġġiet f'Seduta 217, nhar l-Erbgħa, 6 ta' Marzu 2024)*

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14438. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li parti mill-informazzjoni mitluba qed tingħata hawn taħt, il-bqija tal-informazzjoni mitluba qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

| **Entita/Aġenzija/Awtorita** | **CEO** | **Xogħol barrani** |
|---|---|---|
| Festivals Malta | Francis Agius | Le |
| Heritage Malta | Noel Zammit | Le |
| Malta Philarmonic Orchestra | Christopher Muscat (*Acting CEO)* | Le |
| Malta Libraries | Cheryl Falzon | Le |
| MICAS | Phyllis Muscat | Le |
| St. John's Co-Cathedral Foundation | Tonio Mallia | Le |
| Teatru Manoel | Edward Zammit (*Acting CEO)* | Le |
| Valletta Cultural Agency | Catherine Tabone | Le |

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14439. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| ENTITÀ | CEO | Data tal-Ħatra | Il-Persuna tagħmel xi xogħol ieħor bħala negozju jew tipprattika professjoni privatament |
|---|---|---|---|
| Trade Malta Ltd. | Anton Buttigieg | 2015 | Le |

Seduta 216

05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14440. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-ebda minn dawk il-Kapijiet Eżekuttivi ma jagħmlu xogħol privat u / jew negozju ieħor, mindu nħatru bħala Kapijiet Eżekuttiv.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14441. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**14442. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li għandhom CEO? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u jgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

03/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**L-ISPTAR MATER DEI – MĠIBA ETIKA LEJN IL-PAZJENT**

**14940. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid hemmx kumitat/bord tal-etika dwar il-pazjent (mhux relatat ma' riċerka) f'Mater Dei li jassigura mġiba etika lejn il-pazjent? Jekk iva, jista' jgħid:
a. x'inhi l-funzjoni ta' dan il-kumitat?
b. minn min hu magħmul?
ċ. min hu ċ-chairperson u s-segretarju?
d. kull meta ltaqa' fl-2023?
e. jistax jilqa' ilmenti mill-pazjenti jew qraba?
f. jistax jirċievi preokkupazzjonijiet dwar etika minn staff b'dilemmi etiċi?
ġ. xi proċeduri stabbiliti hemm fir-rigward dan il-kumitat/bord?
h. jekk hemm kumitat/bord ta' din ix-xorta, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn il-proċeduri?
i. jekk ma hemmx kumitat/bord tal-etika, il-Ministru jikkunsidra li jwaqqaf wieħed, u jekk iva, meta?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sa issa f'Mater Dei mhemmx dan il-board.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR KARIN GRECH – MĠIBA ETIKA LEJN IL-PAZJENT**

**14941. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid hemmx kumitat/bord tal-etika dwar il-pazjent (mhux relatat ma' riċerka) f'Karin Grech li jassigura mġiba etika lejn il-pazjent? Jekk iva, jista' jgħid:
a. x'inhi l-funzjoni ta' dan il-kumitat?
b. minn min hu magħmul?
ċ. min hu ċ-chairperson u s-segretarju?
d. kull meta ltaqa' fl-2023?
e. jistax jilqa' ilmenti mill-pazjenti jew qraba?
f. jistax jirċievi preokkupazzjonijiet dwar etika minn staff b'dilemmi etiċi?
ġ. xi proċeduri stabiliti hemm?
h. jekk hemm kumitat/bord, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn il-proċeduri?
i. jekk ma hemmx kumitat tal-etika, jikkunsidra l-Ministru li jwaqqaf wieħed, jekk iva, meta?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li Karin Grech Rehabilitation Hospital kellu bord ta' etika li twaqqaf fl-2020, li ma baqax jiltaqa' u għalhekk bħalissa jinsab fil-proċess li jerġa jiġi stabbilit.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR MATER DEI - STENNIJA**

**14942. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-average waiting time fl-Outpatients ta' Mater Dei? Jista' jgħid ukoll x'inhuwa l-average waiting time fl-Ophthalmic u l-ENT(OP) u kemm ikun hemm pazjenti li jkollhom appuntament fl-istess ħin f'ġurnata tipika fl-Ophthalmic u l-ENT (OP)? X'miżuri qed jittieħdu biex il-waiting time jonqos?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024
**LISTI TA' STENNIJA GĦAL PROĊEDURI U OPERAZZJONIJIET**

**14943. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11773, 11785, 11786, 11882, 11883 u 11884 li jindikaw li hemm listi twal ta' stennija għal-operazzjonijiet ta' hip replacements, knee replacements, katarretti, MRI u CT scans. Ir-risposti saħansitra juru ammissjoni li dawn il-pazjenti ilhom jistennew 'aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter'.

Jista' l-Ministru jgħid:
a. x'jgħid eżatt il-Patients' Charter li qed jirreferi għalih dwar il-listi ta' stennija u jqiegħed kopja ta' dan il-Patients' Charter fuq il-Mejda tal-Kamra;
b. jekk hemmx ftehim mal-isptarijiet privati biex jieħdu xi pazjenti ħalli tonqos il-lista ta' stennija;
ċ. jekk il-pazjent, wara ċertu żmien, għandux dritt imur jinqeda fi sptar privat bl-ispejjeż ikunu koperti mill-Gvern u jekk iva, wara kemm żmien il-pazjent għandu d-dritt jagħmel dan?
d. hemmx xi proċedura eżistenti f'dan ir-rigward?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - MĠIBA ETIKA LEJN IL-PAZJENT**

**14944. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid hemmx kumitat/bord tal-etika dwar il-pazjent (mhux relatat ma' riċerka) fil-Faċilità San Vinċenz de Paulli jassigura mġiba etika lejn il-pazjent? Jekk iva, jista' jgħid:
a. x'inhi l-funzjoni ta' dan il-kumitat?
b. minn min hu magħmul?
ċ. min hu ċ-chairperson u s-segretarju?
d. kull meta ltaqa' fl-2023?
e. jistax jilqa' ilmenti mill-pazjenti jew qraba?
f. jistax jirċievi preokkupazzjonijiet dwar etika minn staff b'dilemmi etiċi?
ġ. xi proċeduri stabiliti hemm ma' dan il-kumitat/bord?
h. jekk hemm, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn il-proċeduri?
i. jekk ma hemmx kumitat tal-etika, jikkunsidra l-Ministru li jwaqqaf wieħed, jekk iva, meta?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra

Seduta 216
05/03/2024

**BAĠIT GĦAR-RIĊERKA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

**14945. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'kien il-baġit għar-riċerka fl-Università ta' Malta mis-snin 2020 sa 2023?

16/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI - DIRECT ORDERS**

**15604. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14352 u 15002 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

25/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI – DIRECT ORDERS**

**15605. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14350 u 15004 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| L-isem tal-kuntrattur | L-attivitajiet li saru | Ammonti imħallsa fil-perjodu indikat |
|---|---|---|
| | | |
| Nocturne Services Ltd | Servizzi ta vidjografija u servizzi marbuta ma' media mal-Ministeru | €44,500 exc VAT |
| Mr Xylon Bristow | Servizzi ta vidjografija mas-Segretarju Parlamentari | €2,100<br>€6,181.67 |
| Mr Vincent Piscopo | Servizzi ta fotografija mal-Ministeru | €8,600 |
| Ms Chanelle Demicoli | Servizzi ta vidjografija mas-Segretarjat Parlamentari | €1050 |

Is-servizzi ġew provduti fl-attivitajiet uffiċjali tal-Ministeru u s-Segretarjat Parlamentari.

Seduta 216
05/03/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET U LAND REGISTRATION AGENCY – DIRECT ORDERS**

**15608. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Awtorità tal-Artijiet u/jew Land Registration Agency li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

25/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Awtorità tal-Artijiet u l-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet matul l-2023 ma taw l-ebda direct order relatati ma' vidjografija jew fotografija.

Seduta 216
05/03/2024

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**15713. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1241 u 18572 tal-Leġiżlatura XIII u 4438 tal-Leġiżlatura XIV fejn il-Ministru kellu jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir multi-level parking fil-parkeġġ eżistenti ta' Wied iż-Żurrieq, peress li preżentement fil-maġġor parti tiegħu l-ispazju hu riservat għal coaches u l-art in kwistjoni hija diġà kommessa li tintuża bħala parkeġġ peress li diġà qed isir dan, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-testijiet u r-rapporti ġeoloġiċi li saru mill-Gvern fiż-żona biex jissostanzja dak li qal fir-risposti tiegħu? Jistgħu fil-frattemp jiġu identifikati żoni oħra f'Wied iż-Żurrieq stess, li fihom jistgħu jiġu pprovduti tali parkeġġi biex aktar Maltin iżuru dan il-post turistiku sakemm isir dan il-multi-level parking?

26/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 18572 (Leġiżlatura XIII) u 4438 (Leġiżlatura XIV).

Seduta 216
05/03/2024

**MTA – SPONSORIZZAZZJONI LIS-SOĊJETAJIET MUŻIKALI BIEX JIĠU ORGANIZZATI L-FESTI**

**15714. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-Ministeru tiegħu permezz tal-MTA jibda jisponsorja lis-soċjetajiet mużikali ta' pajjiżna u b'hekk jagħmel tajjeb għal ċerti spejjeż li jsiru biex jiġu organizzati l-festi li jattiraw lejn pajjiżna ammont kbir ta' turisti matul l-istaġun tas-sajf?

26/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tagħmel l-almu tagħha sabiex tippromwovi l-gżejjer Maltin barra minn xtutna permezz ta' diversi interventi skont in-neċessità u l-fondi allokati.

Seduta 216
05/03/2024

**WIED IŻ-ŻURRIEQ – PJAN TA' NETWORK TAD-DRENAĠĠ**

**15715. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-pjan li f'Wied iż-Żurrieq, il-Qrendi, jiġi installat in-network tad-drenaġġ flimkien mal-installazjoni ta' rising main biex dan in-network jiġi kkonettjat man-network prinċipali tad-drenaġġ? Jekk fl-affermattiv, tista' tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li tali proġett ma jinsabx fil-pjanijiet preżenti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Seduta 216
05/03/2024

**L-IMQABBA – ĦSARAT FIL-PJAZZA**

**15716. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'interventi ser isiru fil-Pjazza tal-Imqabba biex tiġi rranġata ħsara li rriżultat li f'partijiet mill-istess pjazza li ċedew taħt il-piż ta' heavy vehicles li kienu u għadhom jgħaddu minnha wara li ntefqu madwar €4 miljun biex saru x-xogħlijiet ta' pavimentar? Jista' jgħid ukoll jekk ġiex identifikat x'qed jikkaġuna din il-ħsara u min ser iħallas għal din il-ħsara?

26/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntrattur li kien inkarigat mix-xogħlijiet għad għandu retention monies bħala garanzija għax-xogħlijiet imwettqa. Il-kuntrattur mistenni jagħmel it-tiswijiet meħtieġa a spejjeż tiegħu fuq parti żgħira li niżlet fil-pjazza, biswit il-Knisja Parrokkjali, sa nofs Marzu. Il-periti fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi stabbilixxew li l-kawża ta' dawn il-ħsarat hija difett fil-grouting ta' parti minn dan il-proġett.

Seduta 216
05/03/2024

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**15717. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1242 u 4437, peress li huwa evidenti li s-servizz ċirkolari b'vetturi tat-trasport pubbliku minn u lejn iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq biex tiġi evitata konġestjoni fil-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq falla, jista' l-Ministru jara li jerġa' jiġi kkunsidrat il-bini ta' multi-level parking f'Wied iż-Żurrieq fl-istess post fejn illum hemm il-parkeġġ?

26/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ttieħdet nota tas-suġġeriment tiegħu.

Seduta 216
05/03/2024

**IL-QRENDI - TRIQ WIED IŻ-ŻURRIEQ, TRIQ IL-WIED U TRIQ IL-PANORAMA – JUNCTION**

**15718. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tiġi mibnija junction bejn Triq Wied iż-Żurrieq, Triq il-Wied u Triq il-Panorama fil-Qrendi biex jonqos il-periklu kemm għal min ikun qiegħed jimxi kif ukoll għas-sewwieqa tal-vetturi?

26/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tistudja l-konnessjoni ta' bejn l-promenades eżistenti bħala l-prijorita' tal-bżonn f'dik iż-żona, jiġifieri is-sigurta' ta' min ikun qed jimxi.

Seduta 216
05/03/2024

**FAĊILITÀ TAL-ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT**

**15858. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15008 u allura jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14340 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid jekk hemmx il-ħsieb illi l-faċilità tal-ħażna taż-żejt issir offshore u ma tibqax fil-Forti Ricasoli fil-Kalkara?

31/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 216
05/03/2024

**IL-KALKARA - FORTI RICASOLI - ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT**

**15859. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15009 u allura jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14339 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid x'passi qed tieħu biex il-faċilità tal-ħażna taż-żejt ma tibqax fil-Forti Ricasoli fil-Kalkara?

31/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 216

05/03/2024
**LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.37 - PERSUNI AKKUŻATI**

**15860. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15010, jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport sar mal-Pulizija b'rabta ma' ksur tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.37 - Regolamenti dwar Valutazzjoni u Maniġġjar ta' Ħsejjes fl-Ambjent? Jekk kien il-każ, jista' l-Ministru jipprovdi d-dati flimkien mal-akkużi u l-lok ta' fejn seħħ il-każ?

31/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li din hija informazzjoni li jkollu l-Ministeru konċernat.

Seduta 216
05/03/2024

**MALTA EUROVISION SONG CONTEST 2024 – GĦOTJIET GĦALL-PRODUZZJONI TA’ VIDEOS TAL-KANZUNETTI**

**16172. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jikkonferma li kull kantant finalist tal-Malta Eurovision Song Contest ingħata €5,000 biex jipproduċi video tal-kanzunetta? Jista’ jgħid jekk hux possibbli li jsir video ta’ kwalità b’€5,000?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS li r-risposta hija fl-affermattiv. Intant, infurmat ukoll li dawn il-*music videos* illum huma pubbliċi.

Seduta 216
05/03/2024

**GĦAWDEX – SPTAR ĠENERALI ĠDID**

**16485. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid meta ser jibda jopera l-Isptar il-Ġdid f'Għawdex u dan peress li fil-Konferenza Stampa tat-18 ta' Ġunju 2016, kien intqal li dan l-Isptar il-ġdid kellu jkun fih 450 sodda, 250 acute beds u 200 geriatric beds? Jista' jgħid jekk ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' dan l-Isptar, issa li għadda dan iż-żmien, bediex? Jista’ jgħid ukoll jekk inħarġux il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u jekk iva, x'numru fih dan il-permess? Jekk għadhom ma nħarġux il-permessi, jista’ jgħid x’inhi r-raġuni?

19/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 11789.

Seduta 216
05/03/2024

**'EMERGENCY AMBULANCE RESPONDER TRAINEE / EMERGENCY AMBULANCE RESPONDER 1 AT THE GOZO GENERAL HOSPITAL' – SEJĦA GĦAL ĦADDIEMA**

**16486. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid jekk l-interviews għas-sejħa li ħarġet fix-xhur li għaddew biex jiddaħħlu persuni fil-grad ta' 'Emergency Ambulance Responder Trainee / Emergency Ambulance Responder 1 at the Gozo General Hospital' saru x iktar minn darba u jekk iva, għala saru iktar minn darba? Jista’ jgħid ukoll fil-ġimgħat li ġejjin kemm hemm ippjanati li jiddaħħlu ħaddiema f'dan il-grad skont il-Capacity Building?

19/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa tal-EARs għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex kienet ippubblikata fil-21 ta' Lulju 2023.

Fis-27 ta' Ottubru 2023 reġgħet ħarġet sejħa riveduta minħabba l-ħtieġa li tiġi inkorporata klawsola fl-applikazzjonijiet għall-postijiet vakanti f'Għawdex skont il-Manual on Resourcing Policies and Procedures.

L-applikanti kollha li kienu applikaw fis-sejħa preċedenti ġew awtomatikament trasferiti għas-sejħa l-ġdida.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – MASTER PLAN**

**16487. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-master plan (PA07491/16) għall-area tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar tas-sena 2024 hu ppjanat li jiġi approvat?

19/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddej ix-xogħol fuq il-Master Plan, imma jista' jkun hemm xi tibdil.

Seduta 216
05/03/2024

**BELT VALLETTA – SEJĦA GĦAL ŻVILUPP TA' EVANS BUILDING**

**16488. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti informazzjoni dwar is-sejħa MSPP/02/2022 li għalqet fit-28 ta' April 2023 'Concession for the regeneration and design, management, operation, maintenance and transfer back of the Evans building (Valletta) site as a superior quality tourism accommodation establishment' u jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni ta' din l-istess sejħa u meta hu maħsub li jingħalaq u jinbeda x-xogħol mitlub?

19/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – PROĠETTI AMBJENTALI**

**16489. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti ambjentali hemm ippjanati li jsiru ġewwa Għawdex mill-Ministeru matul is-sena 2024 u fiex jikkonsistu u kemm hi stmata li se tkun l-ispiża?

19/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li min-naħa tad-direttorat EkoGħawdex se jkunu qed jinbnew tlett toroq rurali; Triq Ta' Spiteri, Triq ta' Għajn Abdul ma' Triq ta' Wied Juno u kif ukoll Triq Klula bi spiża stimata ta' mhux inqas minn Ewro 1,973,281.64 ko-finanzjati minn fondi Ewropej. Se jinbnew ukoll il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Niklaw bi spiża stimata ta' Ewro 196,565.04 ko-finanzjata minn fondi Ewopej.

Seduta 216
05/03/2024

**GOZO CHANNEL - ĦADDIEMA**

**16490. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid minn Jannar 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew impjegati persuni ġodda mal-Gozo Channel jew kumpanija sussidjarji tagħha? F'liema gradi ġew impjegati dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid jekk dawn ġewx impjegati wara sejħa pubblika u f'kull każ jista' jqiegħed kopja tas-sejħa fuq il-Mejda tal-Kamra?

19/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – PROMOZZJONIJIET**

**16521. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hi responsabbli għalih;
- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u
- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta, li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – PROMOZZJONIJIET**

**16522. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid:

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;
- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u
- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PROMOZZJONIJIET**

**16523. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid:

• kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;

• fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u

• kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta, li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - PROMOZZJONIJIET**

**16524. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid:

• kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;

• fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u

• kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PROMOZZJONIJIET**

**16525. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid:

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hi responsabbli għalih;

- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u

- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.
Seduta 216
05/03/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - PROMOZZJONIJIET**

**16526. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid:

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;

- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u

- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.
Seduta 216
05/03/2024

**SKEJJEL - EVACUATION CHAIR GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**16554. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15799 u jgħid f'liema skejjel hemm evacuation chair li jista' jintuża minn persuni b'diżabilità f'każ li jkun hemm nirien fis-sular ta' fuq tal-istess skejjel?

20/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 216
05/03/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - KUNSILL LOKALI – BINS ON WHEELS**

**16555. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar għandux bins on wheels għall-użu tal-pubbliku? Jekk iva, fejn jinsabu? X'inhi l-frekwenza tat-tbattil ta' dawn l-istess bins on wheels?

20/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-istess Kunsill m'għandux bins on wheels għall-użu tal-pubbliku.

Seduta 216
05/03/2024

**STATEMENTING MODERATING PANEL – TFAL U ŻGĦAŻAGĦ LI GĦANDHOM BŻONN LSA**

**16556. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14892 dwar tfal u żgħażagħ li kienu qed jistennew li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel sabiex jiġi determinat jekk dawn għandhomx bżonn Learning Support Assistant (LSA), jista' l-Ministru jgħid jekk sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ġewx proċessati d-990 applikazzjoni kollha li saru fl-2022 u l-1,030 applikazzjoni kollha li saru fl-2023? Jekk le, x'inhi r-raġuni għal dan?

20/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-applikazzjonijiet li saru matul l-2022 ġew proċessati kollha, filwaqt li għaddej il-proċess kontinwu tal-applikazzjonijiet li saru matul l-2023.
Ntenni, bħal ma ġie riferut f'PQs preċedenti li dawn l-applikazzjonijiet huma ta' natura sensittiva u b'hekk kull każ jiġi evalwat bl-iżjed mod sensittiv.

Seduta 216
05/03/2024

**SANTA LUĊIJA - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**16569. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15621 rigward siġar taż-żebbuġ li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Santa Luċija, jista' l-Ministru jgħid jekk inżabrux jew le, u jekk ma jarax li huwa iktar għaqli li dawn jiġu enumerati billi huma parti mill-patrimonju nazzjonali?

20/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' f'Santa Luċija li fejn ikun hemm il-bżonn, is-siġar jinżabru.

Infurmat ukoll mill-istess Kunsill li preżentament hemm materji oħra li jieħdu preċedenza fuq l-eżerċizzju tal-innumerar tal-imsemmija siġar.

Seduta 216
05/03/2024

**RAĦAL ĠDID - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**16570. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15625, tista' l-Ministru tgħid jekk is-siġar taż-żebbuġ fi Ġnien il-Mediterran f'Raħal Ġdid inżabrux jew le?

20/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Ninsab infurmata li ż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ fi Ġnien il-Mediterran minn Project Green ser ikun qed isir fix-xhur li ġejjin.

Seduta 216

05/03/2024

**ĦAL TARXIEN – SKOLA PRIMARJA L-QADIMA – XOGĦLIJIET**

**16571. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskola l-qadima fi Triq l-Iskola f'Ħal Tarxien hix ser tibqa b'xi mod tiġi wżata u jekk il-manutenzjoni tagħha hijiex miżmuma?

20/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-binja msemmija tintuża skont l-esiġenza.

Seduta 216
05/03/2024

**ŻEJTUN - KAPPELLA TA' SAN KLEMENT - XOGĦLIJIET TA' RESTAWR**

**16572. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12950 dwar in-nefqa fuq ix-xogħlijiet fuq il-Kappella ta' San Klement fiż-Żejtun, jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa komplessivament u jekk il-Kapella hijiex miftuħa għall-pubbliku?

20/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi r-restawr fuq l-istruttura esterna tal-knisja ta' San Klement ġie esti¿ għall-faċċata ta' wara tal-knisja, li tħares fuq propjetà ta' terzi, u għalhekk tali restawr għadu għaddej.

Intant infurmat illi n-nefqa totali tal-proġett tammonta għal ċirca €70,000 u dan peress li x-xogħol sar mill-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawru Preservazzjoni.

Finalment infurmat li fil-preżent il-Kappella mhux miftuħa għall-pubbliku sakemm ix-xogħlijiet għadhom għaddejjin.

Seduta 216
05/03/2024

**ĊELEBRITAJIET INTERNAZZJONALI MIĠJUBA F'PAJJIŻNA - NEFQA**

**16573. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jippreżenta lista taċ-ċelebritajiet internazzjonali li ġew miġjuba f'pajjiżna fl-aħħar żewġ Leġiżlaturi għall-attivitajiet pubbliċi varji u jekk possibbli jagħti r-remunerazzjoni jew donazzjoni rispettiva mgħoddija?

20/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal-liema ċelebritajiet u attivitajiet pubbliċi qiegħed jirreferi.

Seduta 216
05/03/2024

**MALTA U GĦAWDEX – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**16574. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu u ser jiġu meħuda regolarment mill-Ministeru fil-konfront tas-siġar taż-żebbuġ li hawn fil-gżejjer tagħna u x'inizjattivi qed jittieħdu f'dan ir-rigward?

20/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sa mit-twaqqif tal-Koperattiva taż-Żebbuġ, dan il-Ministeru iffirma MoU mal-Koperattiva u waqqaf task force apposta sabiex ikun jista' jappoġġja lis-settur aktar mill-qrib. Fil-fatt id-Direttorat għall-Agrikoltura ilhu għal dawn l-aħħar snin jorganizza taħriġ speċjalizzat fuq iż-żabra taż-żebbuġ, kif ukoll fuq il-mard li jaħkmu. Is-sena li għaddiet ġew ukoll ippubblikati l-linji gwida dwar kif tidentifika u tikkontrolla l-mard taż-żebbuġ.

Ta' min isemmi wkoll li dan l-istess Direttorat ikkollabora mal-Università ta' Malta fejn ġew identifikati numru ta' speċi tas-siġar taż-żebbuġ li huma uniċi u nbeda x-xogħol sabiex din il-kollezjoni tinġabar u titħawwel ġewwa l-AgriHub. B'dan il-mod, ikun jista' jiskatta l-programm ta' konservazzjoni ta' dawn is-siġar li jkun jista' jwassal ukoll għar-reġistrazzjoni ta' varjetajiet ġodda.

Mill-aspett regolatorju, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, permezz tal-Pest Survey Programme, jagħmel moniteraġġ iffukat fuq il-vectors tal-Xylella fastidiosa. Apparti minn dan, id-Direttorat għall-Agrikoltura jżomm reġistru tas-siġar taż-żebbuġ.

Seduta 216
05/03/2024

**ĊENTRI 3-16**

**16579. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13048 dwar iċ-Ċentri 3-16, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u ċjoè jagħti informazzjoni dwar fejn jinsabu dawn iċ-ċentri u jgħid ukoll kemm hemm tfal li jattendu f'kull wieħed minn dawn iċ-ċentri?

21/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13531 li diġa ġiet imwieġba fl-intier tagħha.

Seduta 216
05/03/2024

**ĊENTRI 3-16 – WAITING LIST**

**16580. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx waiting list għaċ- Ċentri 3-16? Jekk iva, għal liema ċentri hemm waiting list u kemm hi l-waiting list għal kull ċentru?

21/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Ċentri** | **Total ta' studenti** | **Talbiet Addizzjonali** |
|---|---|---|
| Attard | 211 | 3 |
| Birkirkara | 230 | 3 |
| Birzebbuga | 105 | / |
| Fgura | 243 | / |
| Għargħur | 45 | / |
| Gudja | 53 | / |
| Gzira | 109 | 3 |
| Hamrun GP | 170 | 10 |
| Luqa | 114 | / |
| Marsascala – St Anne | 179 | / |
| Marsascala - St Joachim | 198 | 2 |
| Mellieha | 203 | 13 |
| Mgarr | 125 | 1 |
| Mosta Annex | 77 | 2 |
| Mosta | 189 | 1 |
| Mqabba | 79 | / |
| Naxxar | 219 | 1 |
| Paola | 129 | / |
| Pembroke | 164 | 4 |
| Qawra | 425 | 19 |
| Qormi San Bastjan | 150 | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| Rabat B | 109 | 4 |
| San Ġiljan | 110 | / |
| San Gwann | 204 | 3 |
| Siġġiewi | 161 | / |
| Sliema | 190 | 25 |
| St. Paul's Bay | 188 | 28 |
| St. Venera | 194 | 6 |
| Tarxien | 76 | / |
| Zabbar A | 163 | 2 |
| Zabbar | 101 | / |
| Zebbug - Malta | 161 | / |
| Zejtun | 178 | 2 |
| Zurrieq | 197 | 6 |
| Victoria - Gozo | 92 | 4 |

Seduta 216
05/03/2024

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – DAY CENTRES**

**16581. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu d-day centres għal persuni b'diżabilità li kienu qegħdin joperaw sal-aħħar tas-sena 2023? Kemm kienu n-numru ta' persuni b'diżabilità li kienu jagħmlu użu minn kull wieħed minn dawn iċ-ċentri? Tista' tgħid ukoll kemm huma dawk il-persuni b'diżabilità li qegħdin fuq il-waiting list biex jidħlu f'wieħed minn dawn iċ-ċentri?

21/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16378.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR MATER DEI - HOSPITAL ACTIVITY REPORT - 2022**

**16643. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14549, 14900 u 15493 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Mater Dei għas-sena 2022?

22/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**16644. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14550, 14901 u 15494 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

22/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**SPTAR KARIN GRECH - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**16645. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14551, 14902 u 15495 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Karin Grech għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

22/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**PAZJENTI INTITOLATI GĦAL MEDIĊINI B'XEJN**

**16674. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn pazjenti intitolati għall-mediċini b'xejn u jaqsam l-informazzjoni skont il-kundizzjoni medika/klinika li jitrattaw?

23/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm b'kollox 181,386 pazjent li huma ntitolati għall-mediċina b'xejn. L-informazzjoni l-oħra mitluba hi fit-Tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**GU CLINIC – STENNIJA GĦAL APPUNTAMENTI**

**16675. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jistennew appuntament mal-GU Clinic?

23/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mhemmx listi ta' stennija għal appuntament ġewwa il-GU Clinic.

Seduta 216
05/03/2024

**POYC - MEDIĊINI FID-DJAR**

**16676. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun qiegħed jimplimenta l-wegħda elettorali li jwassal il-mediċini tal-POYC fid-dar tal-pazjenti?

23/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità toffri s-servizz tas-Silver-T li fost l-oħrajn tgħin anzjani biex imorru fl-ispiżerija tal-għażla tagħhom biex ikunu jistgħu jieħdu l-mediċini ntitolati għalihom jew jekk ikun hemm bżonn jixtru xi mediċini oħra.

Ninsab infurmat ukoll li hemm servizz msejjaħ Domiciliary Delivery Scheme għall-persuni li huma 'l fuq minn 70 sena jew għandhom diżabilità. Dan il-proġett kien beda fl-2016.

Seduta 216
05/03/2024

**KONFISKI TA' ASSI**

**16677. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista dettaljata tal-konfiski ta' assi kollha li saru mill-2020 'l hawn, sena b'sena, u jgħid x'użu qed isir minn kull konfiska u/jew kienx hemm xi bejgħ tagħhom?

23/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Jannar 2024.
Seduta 216
05/03/2024

**PERSUNI AKKUŻATI B'ĦASIL TA' FLUS**

**16678. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu persuni l-Qorti fuq akkużi ta' ħasil ta' flus mill-2014 'l hawn, sena b'sena, u jaqsam l-informazzjoni skont il-predicate offence li fuqhom tressqu?

23/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.
Seduta 216
05/03/2024

**PBS - APPLIKAZZJONIJIET**

**16685. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid dawl li fl-10 ta' Ottubru 2023, ħarġet sejħa interna għall-applikazzjonijiet għal seba' karigi fil-Public Broadcasting Services (PBS) kif ġej:

Head of News Editorial - Manager II
Head of News Resource Manager - Manager II
News Duty Manager - Manager I
Court Affairs Coordinator
Parliamentary Affairs Coordinator
Radio Station Content Coordinator
Senior Video Journalist,

jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni kien hemm, għal kull waħda minn dawn il-karigi?

23/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-proċess għadu għaddej u kif ġie diversi drabi stabbilit f'diversi risposti parlamentari preċedenti (eż. mistoqsija parlamentari 13645 tal-Leġiżlatura IX jew mistoqsija parlamentari 13642 tal-Leġiżlatura X) ma jkunx idoneu u għaqli li tingħata informazzjoni.
Seduta 216
05/03/2024

**BIĊĊERIJA - ĦRUĠ TA' GASS**

**16692. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk matul l-aħħar ġimgħat ġewx irrapurtati lill-awtoritajiet konċernati każijiet ta' ħruġ ta' gass mill-biċċerija pubblika? Jekk fl-affermattiv, tista' tindika s-sorsi li kawża tagħhom kien hemm it-tnixxija tal-gass, x'kien il-gass li ħareġ, u jekk il-gassijiet li ħarġu b'xi mod kinux ta' periklu għan-nies tal-madwar?

26/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li f'dawn l-aħħar ġimgħat, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ma rċeviet ebda rapport rigward ħruġ ta' gass mill-biċċerija pubblika.
Seduta 216
05/03/2024

**ĠBIR TAL-ISKART - SKART RESIDENZJALI**

**16693. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri hemm fis-seħħ biex jiġi żgurat li ż-żibel miġbur minn żoni residenzjali jikkonsisti biss fi skart residenzjali, u b'hekk jiġi eskluż skart kummerċjali jew industrijali?

26/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Waqt li ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-għan hu li jinġabar l-iskart muniċipali, nitlob lill-Onor. Interpellanta tispecifika x'tifhem bi skart kummerċjali jew industrijali.

Seduta 216
05/03/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI LI RRIŻENJAW**

**16698. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw membri tal-Korp tal-Pulizija, mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

26/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni hija hek kif ġej:

| Sena | Persuni |
|---|---|
| 2013 | 6 |
| 2014 | 7 |
| 2015 | 16 |
| 2016 | 22 |
| 2017 | 18 |
| 2018 | 18 |
| 2019 | 13 |
| 2020 | 25 |
| 2021 | 32 |
| 2022 | 33 |

Seduta 216
05/03/2024

**PROĠETT ECOHIVE – ART LI SER TINTUŻA**

**16711. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ser ikun qed jokkupa spazju l-Proġett tal-EcoHive u kemm mill-art li ser tkun qed tintuża għal dan il-proġett, hija art agrikola?

26/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13686 tat-XIII-il Leġiżlatura.

Seduta 216
05/03/2024

**DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA – TAQSIMA TAD-DISINN STRUTTURALI – ĦADDIEMA**

**16712. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl li t-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15758 kienet tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 15757, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu ġewwa t-Taqsima tad-Disinn Strutturali fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

26/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħames persuni jaħdmu fit-Taqsima tad-Disinn Strutturali fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Chief Architect & Civil Engineer
- Architect & Civil Engineer
- Graduate Architect & Civil Engineer

Seduta 216
05/03/2024

**MANDATI KAWTELATORJI TA' SEKWESTRI – SOMMA DEPOŻITATA FIL-QRATI**

**16727. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija s-somma illi ġiet depożitata fil-Qrati in esekuzzjoni ta' mandati kawtelatorji ta' sekwestri fil-perjodu bejn l-2020 u l-2023?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati fir-rigward tad-depożiti għall-mandati ta' sekwestru iżżomm informazzjoni għall-mandati ta' sekwestru kollha mingħajr distinzjoni bejn sekwestru kawtelatorju u dak eżekuttiv.

L-ammont globali depożitat bejn l-2020 u l-2023 għaż-żewġ istanzi ta' sekwestri msemmija kien ta' €111,108,455.92 fil-Qrati ta' Malta u ta' €1,713,752.50 fil-Qrati ta' Għawdex.

Seduta 216
05/03/2024

**MANDATI KAWTELATORJI TA' SEKWESTRI – SOMMA TOTALI KORRENTEMENT DEPOŻITATA FIL-QRATI**

**16728. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija s-somma totali illi korrentement tinstab depożitata fil-Qrati tagħna in esekuzzjoni ta' mandati kawtelatorji ta' sekwestri?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant filwaqt li nagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari 16727 illi l-ammont li preżentement jinsab depożitat in eżekuzzjoni ta' mandati ta' sekwestru kemm dawk kawtelatorji kif ukoll eżekuttivi huwa €61,263,768.95 fil-Qrati ta' Malta u €742,816.40 fil-Qrati ta' Għawdex.

Seduta 216
05/03/2024

**REVIŻJONI TAL-KERA – KAWŻI PPREŻENTATI QUDDIEM IL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**16729. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kawża ġiet ippreżentata quddiem il-Bord li jirregola l-kera għar-reviżjoni tal-kera fis-sena 2022 u 2023?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' każijiet għar-reviżjoni tal-kera preżentati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fis-sena 2022 u 2023 huwa kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**REVIŻJONI TAL-KERA – KAWŻI DEĊIŻI MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**16730. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kawża ġiet deċiża mill-Bord li jirregola l-kera għas-sena 2022 u 2023 għal reviżjoni tal-kera u jgħid kemm minn dawn il-kawżi ġew deċiżi?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' każijiet għar-reviżjoni tal-kera li ġew terminati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera huwa kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**LIĠIJIET TAL-KERA – KUMPENS LI L-GVERN ĠIE ORDNAT IĦALLAS LIS-SIDIEN**

**16731. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total illi l-Gvern ġie ordnat li jħallas bħala kumpens mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mill-Qorti Kostituzzjonali lis-sidien ta' proprjetajiet in konsegwenza tal-liġijiet tal-kera fis-sena 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont li l-Gvern ħallas effettivament bħala kumpens għas-sena 2022 u 2023?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta 216
05/03/2024

**ARTIKOLU 166A KAP 12 – ITTRI UFFIĊJALI**

**16732. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet ippreżentata fis-sena 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm-il nota b'oġġezzjoni ġiet ippreżentata in segwitu għal dawn l-ittri uffiċjali u kemm kien il-valur totali mitlub f'dawn l-ittri uffiċjali?

26/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Fir-rigward tal-ewwel parti tal-mistoqsija nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 14475. Fir-rigward tat-tieni parti tal-mistoqsija, l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-informazzjoni.

Seduta 216

05/03/2024

**PERSUNI LI DDAĦĦLU L-ISPTAR MATER DEI WARA LI ĠEW SALVATI MILL-AFM – ĊERTIFIKATI TA' ĠRIEĦI**

**16760. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu ċ-ċertifikati tal-grieħi li ġarrbu t-tmien persuni li ddaħħlu fl-Isptar Mater Dei wara li ġew salvati mill-AFM?

26/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kull persuna ġiet rilaxxata mill-isptar.

Seduta 216
05/03/2024

**PERSUNI LI TTELLGĦU MEJTA MILL-BAĦAR MILL-AFM NHAR IL-ĠIMGĦA 23 TA' FRAR 2024 - FUNERALI**

**16761. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsiru l-funerali tal-persuni li ttellgħu mejta mill-baħar mill-Forzi Armati ta' Malta (AFM) nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2024?

26/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar il-każ fejn vittmi ttellgħu mejta mill-baħar mill-Forzi Armati ta' Malta fit-23 ta' Frar 2024 wara operazzjoni ta' salvataġġ, hemm inkjesta Maġisterjali u kull arranġament għall-funeral tagħhom, ikun jista' jsir biss wara li l-katavri jkunu rilaxxati mill-istess inkjesta.

Seduta 216
05/03/2024

**PERSUNI LI TILFU ĦAJJITHOM TRAĠIKAMENT NHAR IL-ĠIMGĦA 23 TA' FRAR 2024 – ETÀ U NAZZJONALITÀ**

**16762. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-etajiet tal-persuni li tilfu ħajjithom traġikament nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2024, kif ukoll in-nazzjonalità tagħhom?

26/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-nazzjonalità tal-ħames vittmi li tilfu ħajjithom traġikament fit-23 ta' Frar 2024 waqt operazzjonijiet ta' salvataġġ kien kif indikat fit-tabella riprodotta hawn taħt. Dwar l-etajiet tal-istess vittmi, minn investigazzjonijiet li għamlet il-pulizija, sallum ġew stabiliti l-etajiet ta' erba' persuni kif jidher fl-istess tabella. Dan wara li nstabu xi passaporti u ġiet provduta informazzjoni minn terzi.

| | Nazzjonalità | Età | Ġeneru |
|---|---|---|---|
| 1 | Eritrea | 22 | Maskil |
| 2 | Syria | 33 | Maskil |
| 3 | Bangladesh | 31 | Maskil |
| 4 | Ghana | 23 | Femminil |
| 5 | Ghana | Mhux magħruf | Maskil |

Seduta 216
05/03/2024

**KAŻ TA’ INDIVIDWU**

**16763. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex parti mit-tim legali fil-każ fejn l-Unjoni Ewropea fetħet każ kontra Malta fl-2023 fejn Malta marret kontra l-Bird Directive? Jista’ jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-ħidma tiegħu u jekk dan l-ingaġġ kienx wieħed ta’ direct order jew inkella inħarġitx sejħa pubblika? Jista’ jgħid ukoll kemm ser ikun qiegħed jitħallas dan l-avukat?

26/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 216
05/03/2024

**KAŻ TA’ INDIVIDWU**

**16764. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid x’wassal biex l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, kellu kuntratt ta’ 20 siegħa fil-ġimgħa u ma reġax ġie imġedded b’tali mod li ser ikollu jitlaq minn Malta u għaldaqstant Malta ser titlef awtur ta’ stima fost il-komunità artistika/kittieba?

26/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 216
05/03/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAL-EDUKAZZJONI BEJN IL-CORE TEAM U L-FAKULTÀ TAL-EDUKAZZJONI FL-UNIVERSITÀ**

**16797. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni bejn il-Core Team u l-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università? Jista' jispeċifika meta kienu u min kienu l-membri preżenti min-naħa tal-Core Team?

27/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru żewġ laqgħat, waħda f’Lulju u oħra f’Ottubru tal-2023. Il-Core Team kien mgħamul minn Mr. Josef Borg, Mr. Roderick Vella u s-Sa Milaine Buhagiar.

Seduta 216
05/03/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAL-EDUKAZZJONI BEJN IL-CORE TEAM U L-IFE**

**16798. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni bejn il-Core Team u l-IFE? Jista' jispeċifika meta kienu u min kienu l-membri preżenti min-naħa tal-Core Team?

27/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-laqgħa saret f’Ġunju tal-2023. Il-Core Team kien mgħamul minn Ms. Ritianne Borg Saliba, Mr. Josef Borg, Mr. Roderick Vella u s-Sa Milaine Buhagiar.

Seduta 216

05/03/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAL-EDUKAZZJONI BEJN IL-CORE TEAM U L-MUT**

**16799. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni bejn il-Core Team u l-MUT? Jista' jispeċifika meta kienu u min kienu l-membri preżenti min-naħa tal-Core Team?

27/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 216
05/03/2024

**ĦAL BALZAN - TRIQ SAN FRANĠISK - XOGĦLIJIET**

**16800. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16642 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid x'xogħol qiegħed isir fi Triq San Franġisk f'Ħal Balzan, kemm se jdum biex ikun komplut u jekk hux se jkun qed jingħata asfalt tul it-triq kollha ladarba jkun komplut? Jista' wkoll jikkonferma li x-xogħol qed isir taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'xogħlijiet infrastrutturali fi Triq San Franġisk, wara talba mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' biex it-triq tinbena mill-ġdid. Wara proċess ta' kordinazzjoni mal-entitajiet konċernati qed isiru xogħlijiet fuq servizzi tal-ilma u t-telekomunikazzjoni, filwaqt li sar tisħiħ tal-pedamenti tat-triq eżistenti, ġew mgħoddija servizzi ġodda u xogħlijiet t'asfalt. Ix-xogħlijiet, li qed isiru fuq firxa ta' 630 metru, saru f'fażijiet differenti. Dan sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent waqt l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet u jkun hemm aċċess għall-vetturi fil-qrib u madwar din it-triq. F'każ li ma jiżviluppawx ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom, ix-xogħlijiet mistennija jitlestew sa tmiem fix-xhur li ġejjin.

Seduta 216
05/03/2024

**ĦAL BALZAN - TRIQ SISNER - XOGĦLIJIET**

**16801. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16641 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid x'xogħol qiegħed isir fi Triq Sisner f'Ħal Balzan, kemm se jdum biex ikun komplut u jekk hux se jkun qed jingħata asfalt tul it-triq kollha ladarba jkun komplut? Jista' wkoll jikkonferma li x-xogħol qed isir taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Sisner, wara talba mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' biex it-triq tinbena mill-ġdid. Wara proċess ta' kordinazzjoni mal-entitajiet konċernati qed isiru xogħlijiet fuq servizzi tal-ilma u t-telekomunikazzjoni tul it-triq fuq medda ta' 95 metru, filwaqt li sar tisħiħ tal-pedamenti tat-triq eżistenti, ġew mgħoddija servizzi ġodda u xogħlijiet t'asfalt. It-tibdil fis-sostituzzjoni tas-sistema tad-drenaġġ ġabet magħha numru ta' sfidi kawża ta' tibdil tal-pajp tal-asbestos li kellu l-ħsara. Għaddejja wkoll ħidma taħt is-superviżjoni tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. fuq l-aħħar fażi tal-installazzjoni tas-sistema l-ġdida tad-drenaġġ. F'każ li ma jiżviluppawx ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom, ix-xogħlijiet mistennija jitlestew fix-xhur li ġejjin.

Seduta 216
05/03/2024

**ĦAL BALZAN - TRIQ IDMEJDA - XOGĦLIJIET**

**16802. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16640 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid x'xogħol qiegħed isir fi Triq Idmejda f'Ħal Balzan, kemm se jdum biex ikun komplut u jekk hux se jkun qed jingħata asfalt tul it-triq kollha ladarba jkun komplut? Jista' wkoll jikkonferma li x-xogħol qed isir taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Idmejda, Ħal Balzan wara talba mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' biex it-triq tinbena mill-ġdid. Wara proċess ta' kordinazzjoni mal-entitajiet konċernati qed isiru xogħlijiet fuq servizzi tal-ilma u t-telekomunikazzjoni, filwaqt li sar tisħiħ tal-pedamenti tat-triq eżistenti, ġew mgħoddija servizzi ġodda u xogħlijiet t'asfalt. Ix-xogħlijiet, li qed isiru fuq firxa ta' 320 metru, saru f'fażijiet differenti. Dan sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent waqt l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet u jkun hemm aċċess għall-vetturi fil-qrib u madwar din it-triq. F'każ li ma jiżviluppawx ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom, ix-xogħlijiet mistennija jitlestew fix-xhur illi ġejjin.

Seduta 216
05/03/2024

**IMWEJJED U SIĠĠIJIET - RAPPORTI U SPEZZJONIJIET**

**16805. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16434 u jgħid kemm-il rapport irċeviet l-Awtorità tal-Artijiet mill-pubbliku jew entitajiet pubbliċi oħra, rigward imwejjed u siġġijiet mill-2017 sal-aħħar tal-2023? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rapporti ttieħdet azzjoni fuqhom f'forma ta' spezzjoni?

27/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor, Interpellanta li ninsab infurmat li bejn l-2017 u l-2023 l-Awtorità tal-Artijiet kellha 225 bejn rapporti u spezzjonijiet dwar imwejjed u siġġijiet.

Seduta 216
05/03/2024

**BINI TA' TOROQ**

**16827. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14561 u jgħid x'kien il-valur ta' dawk il-kuntratti tal-bini ta' toroq li kellhom l-offerta milqugħa fis-sena 2023?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-valur kien jammonta għal Euro72,163,337.45 excluding VAT.

Seduta 216
05/03/2024

**BINI TA' TOROQ**

**16828. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14561 u jgħid min kienu dawk il-kuntratturi ta' bini ta' toroq li ġew mogħtija x-xogħol b'direct order matul fis-sena 2023?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-twegiba tinsab fid-dokument li qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024

**BINI TA' TOROQ**

**16829. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14561 u jgħid x'kien il-valur ta' dawk il-kuntratti tal-bini ta' toroq li ġew mogħtija x-xogħol b'direct order matul is-sena 2023?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellabt li l-Valur kien jammonta għal Euro13,721,063.46 excluding VAT.

Seduta 216
05/03/2024

**BINI TA' TOROQ**

**16830. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14561 u jgħid kif jikkompara n-numru u l-valur ta' kuntratti ta' bini ta' toroq li kienu mogħtija b'direct order matul is-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel jgħid x'kien il-valur ta' dawk il-kuntratti tal-bini ta' toroq li kellhom l-offerta milqugħa fis-sena 2023?

27/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant ghall-Pubblikazzjonijiet regolari fil-Gazzetta tal-Gvern fejn jirrigwardja is-snin ta' qabel. It-tieni parti tal-mistoqsija nirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 16827.

Seduta 216
05/03/2024

**MULTI PENDENTI - SKEMI/ARRANĠAMENTI TA' ĦLAS**

**16836. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16560, jista' l-Ministru jgħid jekk min ikun akkumula ammont ta' multi li jlaħħaq eluf ta' ewro fuq vettura, huwiex obbligat li jħallas l-ammont globali tal-multi kollha qabel ikun jista' jġedded il-liċenzja, jew jekk jeżistux jew hemmx fis-seħħ arranġamenti fejn ikun jista' jsir ħlas ta' dawk il-multi bin-nifs?

28/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil Interpellant illi dawk is-sidien ta' vetturi li għandhom il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħhom skaduta inkluz akkumulazzjoni ta' Kontravenzjoniet tal-Lesa u li jammontaw f'ammont sostanzjali, dawn iridu jiġu mhallsa globalment sabiex terga tinhareg l-licenzja tal-vettura sabiex tkun tista tinstaq fi triq.
Ħlasijiet bin-nifs mhux aċċettati u preżentament m'hemm l-ebda skema fis-seħħ.

Seduta 216
05/03/2024

**INFRASTRUCTURE MALTA – LISTA TAT-TOROQ LI SARU**

**16837. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16533, jista' l-Ministru jagħti t-tweġiba f'tabella li telenka l-1,200 proġett imsemmi bid-dettalji mitluba?

28/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista mitluba fil-mistoqsija parlamentari 16837 qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 216
05/03/2024
**IL-FGURA – TRIQ IL-PITIROSS – XOGĦLIJIET**

**16838. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun lest ix-xogħol fi Triq il-Pitiross, il-Fgura? Jista' jgħid ukoll fiex kien jikkonsisti x-xogħol, kemm kien stmat li jiswa fl-għoti tat-tender, u kemm ġie jiswa sa issa?

28/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li x-xogħol fiż-żona indikata jinkludi titjib billi ġew rilokati u miżjudin il-parkeġġi filwaqt li żdiedet iż-żona ta' vegetazzjoni. Infurmat ukoll mill-istess Kunsill li l-ispiża s'issa laħħqet €70,187.51.

Seduta 216
05/03/2024

**L.S. 65.11 – DEFINIZZJONI TA' "SEJĦA TA' URĠENZA"**

**16839. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16534, jista' l-Ministru jgħid skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Liġi Sussidjarja 65.11, x'inhi d-definizzjoni ta' "sejħa ta' urġenza" (eż. irid ikun hemm riskju ta' telf ta' ħajja, jew anke imblokk fit-traffiku jista' jkun urġenti)?

28/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill- Onor. Interpellant illi fil- L.S 65.11 ma hemmx definizzjoni ta 'sejħa ta' urġenza'. Infakkar lill-Onorevoli interpellant li l-istess leġislazzjoni tipprovdi provvedimenti għall – vetturi oħra bil- mutur li għandhom preċedenza minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom.

Seduta 216
05/03/2024

**L.S. 65.11 – REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU**

**16840. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16534 u r-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Liġi Sussidjarja 65.11, jista' l-Ministru jgħid jekk l-istess vetturi li jkunu qed jużaw dawn is-sinjali ta' twissija akustiċi u viżwali għandhomx ukoll id-dritt li jiksru regolamenti tat-traffiku (eż. dawl aħmar, one-ways, stop signs)? Jekk iva, jista' jgħid liema parti tal-liġi sussidjarja tkoprihom f'dak il-każ?

28/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li l-vetturi li jkunu qed juzaw mezzi ta' twissija akkustiċi u viżwali għandhom jobdu r-regolamenti ta' traffiku. Izda fl-istess regolamenti hemm provvedimenti fejn il-vetturi msemmija jkunu jistgħu jmorru oltre mir-regolamenti applikabbli, bhal per ezempju regolament 127 tal-L.S 65.11 li jippermetti li tali vetturi jeċċedu l-limitu tal-veloċitá.

Seduta 216
05/03/2024

**JOBSPLUS – SISTEMA TAL-IT**

**16845. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn is-sistema tal-IT tal-Jobsplus hija mogħtija lill-kuntrattur li jwieġeb lis-CEO? X'jismu tali kuntrattur u x'relazzjoni għandu l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament mal-IT ta' Jobsplus? Jista' jgħid ukoll meta u kif intgħażel dan il-kuntrattur? U kemm tħallas sal-lum dan il-kuntrattur?

28/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li f'Lulju 2022, Jobsplus użat is-sistema ta' Negotiated Procedure biex daħlet f'kuntratti ma' tlett kumpaniji NOUV MT Technology Ltd, ICON Studios Ltd u AIS Technology Ltd b'konnessjoni mal-proġett tal-immodernizzar tas-sistemi tal-IT tal-Korporazzjoni. Dan sar skont l-Artiklu 154(1)(b)(iii) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (SL601.03) li jgħid li proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi fil-każ li s-servizzi jistgħu jiġu fornuti minn operatur ekonomiku partikolari biss minħabba l-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Infurmat li t-tlett kuntratturi jwieġbu lis-CEO ta' Jobsplus għax id-dipartiment intern tal-IT jaqa' taħt ir-responsabilita' tas-CEO. Il-persuna li d-dettalji dwaru ingħataw separatament huwa assenjat mill-kuntrattur (NOUV MT Technology Ltd) u qiegħed jgħin fl-immaniġjar tal-proġett tal-immodernizzar tas-sistemi tal-IT ta' Jobsplus u, għal dan il-għan, jaħdem flimkien mal-impjegati tat-taqsima tal-IT ta' Jobsplus.

Minn mindu beda l-proġett f'Lulju 2022 sa meta qed titwieġeb din il-Mistoqsija Parlamentari, NOUV MT Technology Ltd tħallset €510,935 għas-servizzi u riżorsi kollha provduti lil Jobsplus.
Seduta 216
05/03/2024

**DIJABETE - MINOR AMPUTATIONS**

**16894. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15164 u jgħid, sena b'sena, mill-2013 sal-2023, kemm kienet in-nefqa fuq minor amputations f'pajjiżna u kemm kien in-numru totali ta' minor amputations kull sena? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu fuq persuni bid-Dijabete?

28/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.
Seduta 216
05/03/2024

**TRANSPORT MALTA - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**16899. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16667 u jgħid x'kuntratti ta' karozzi tal-kiri għandha fis-seħħ Transport Malta, u f'kull każ jgħid jekk il-kuntratt ingħatax b'tender, direct order, jew talba għal kwotazzjonijiet? Jista' f'kull każ jgħid ukoll meta beda dan il-kuntratt u meta jiskadi? Jista' f'kull każ jgħid ukoll għal kemm-il karozza hu l-kuntratt u kemm jiswa?

29/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li li bhalissa l-Transport Malta għandha 58 vetturi mikrija mingħand kumpaniji differenti.

41 vettura nkrew minn Marzu 2022 u l-kirja se tiskadi fi Frar tat-2025. Karozza oħra għandha l-kirja se tiskadi fil-bidu ta' Marzu u mhux se tiġi mġedda.
Ir–rati li bihom qed jinkrew qegħdin kif hawn fit- tabella hawn taħt.

| | |
|---|---|
| **Numru ta Karozzi** | **Rata kuljum** |
| | **€ exc vat** |
| 30 | 4.8 |
| 8 | 5.8 |
| 3 | 12 |
| 4 | 6.13 |
| 5 | 9 |
| 1 | 11 |
| 1 | 14 |
| 2 | 6.25 |
| 1 | 9.8 |
| 1 | 6.72 |
| 1 | 8.39 |
| 1 | 45 |

| | |
|---|---|
| | |

Seduta 216
05/03/2024

**FGURA – TRIQ MAHATMA GHANDI – XOGĦLIJIET**

**16957. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isiru x-xogħlijiet meħtieġa fi Blokk A5, Triq Mahatma Ghandi, il-Fgura? Jista' jgħid ukoll fiex ser ikun qed jikkonsisti dan ix-xogħol?

01/03/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' riġenerazzjoni fuq Blokk A5, Triq Mahatma Ghandi l-Fgura nbeda fil-bidu ta' Frar 2024. Ix-xogħlijiet meħtieġa jikkonsistu f'xogħol fil-komun, fuq il-bjut kif ukoll manutenzjoni tal-faċċati.

Seduta 216
05/03/2024

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAĦWIELA – BANKINA ĠDIDA**

**16958. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser issir mill-ġdid il-bankina fi Triq il-Kaħwiela, f'Ħaż-Żabbar speċifikament bejn numru 39-61, hekk kif l-istat li tinsab fiha huwa perikoluż u ta' inkonvenjent għar-residenti?

01/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 216
05/03/2024

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAĦWIELA - BANKINA ĠDIDA**

**16959. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ser jagħmel mill-ġdid il-bankina fi Triq il-Kaħwiela, speċifikament bejn numru 39-61, hekk kif l-istat li tinsab fiha huwa perikoluż u ta' inkonvenjent għar-residenti?

01/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar li l-parti indikata fi Triq il-Kaħwiela hija meqjusa bħala triq ġdida li għadha ma ġietx asfaltata u għaldaqstant il-bankina ma nbnietx.

Seduta 216
05/03/2024

**KALKARA – DRENAĠĠ FIL-BAĦAR**

**16960. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu kif ukoll għad iridu jittieħdu biex tissolva l-problema tad-drenaġġ fil-baħar tax-Xatt tal-Kalkara?

01/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li għalkemm fil-preżent id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali m'għandu l-ebda lment fir-rigward, iżda wara li saret id-domanda parlamentari, fl-4 ta' Marzu uffiċċjali għas-Saħħa Ambjentali wettqu spezzjoni matul il-kosta kollha tax-Xatt tal-Kalkara li jkopri ż-żewġ naħat tax-Xatt u dan l-lment ma ġiex kkonfermat peress li ma rriżulta l-ebda żbroff tad-drenaġġ kemm fil-baħar jew fuq ix-xatt.

Seduta 216

05/03/2024

**KALKARA – DRENAĠĠ FIL-BAĦAR**

**16961. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għad-drenaġġ li qed ikun hemm fil-baħar fix-Xatt tal-Kalkara, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill tal-Kalkara rrapurtax lill-Awtoritajiet ikkonċernati dwar dan l-inkonvenjent? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid :
a. lil liema awtorità / dipartiment irrapporta u meta?
b. jekk sarux follow ups?
ċ. jekk irċeviex xi feedback jew ittieħdet xi azzjoni?

01/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara li kien għadda r-rapport lil Water Service Corporation dwar dan il-likwidu li qiegħed jiskula fil-baħar. Minn stħarriġ li sar jirriżulta li din hija nixxiegħa t'ilma naturali u mhux drenaġġ.

Seduta 216
05/03/2024

**KALKARA – ĠEBEL KBIR LI HEMM FIX-XATT**

**16962. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu passi sabiex jitneħħew il-ġebel kbir li hemm fix-Xatt tal-Kalkara li qed iwassal biex id-dgħajjes ma jistgħux jorbtu max-xatt hekk kif dan il-ġebel qed jikkawżalhom ħsara kbira jekk id-dgħajjes jolqot ma' dan il-ġebel?

01/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed nieħdu nota tagħha u ser nitkellmu mal-awtoritajiet ikkonċernati.

Seduta 216
05/03/2024